# GERALD STRICKLAND

## 1861-1940



### PROFIL

Twieled il-Belt Valletta nhar l-24 ta' Mejju 1861, iben Walter u Louisa née Bonici Mompalao. Beda l-edukazzjoni tiegħu f'Malta u kompla jistudja barra minn xtutna fejn iggradwa fil-liġi mit-Trinity College ta' Cambridge fl-1887. Fis-26 t'Awwissu 1890 iżżewweġ lil Edeline Sackville u kellhom tmient itfal. Wara l-mewt tal-ewwel mara li seħħet fl-1918, fil-31 t'Awwissu 1926 iżżewweġ lil Margaret Hulton. Fid-9 t'Awwissu 1927 sar ir-raba' Prim Ministru ta' Malta u dam f'din il-kariga sal-21 ta' Ġunju 1932. Huwa miet fit-22 t'Awwissu 1940 fl-età ta' 79 sena u ġie midfun fil-Katidral tal-Imdina.

### POLITIKA

Fl-elezzjoni tal-1888 ġie elett fil-Kunsill tal-Gvern, bħala rappreżentant tan-nobbli u tas-sidien tal-proprjetà. Ftit taż-żmien wara, ġie nominat u magħżul mill-Gvern Kolonjali bħala Chief Secretary. Bejn l-1902 u l-1917, Strickland ħareġ mix-xena politika Maltija sabiex jokkupa l-kariga ta' gvernatur f'diversi stati fl-Imperu Ingliż. Fl-1917 daħal mill-ġdid fl-arena politika Maltija bħala fundatur tal-Anglo-Maltese Party. Ftit taż-żmien wara, dan il-partit ingħaqad mal-Maltese Constitutional Party taħt it-tmexxija tiegħu u ħa l-isem ta' Partit Kostituzzjonali (Constitutional Party). Huwa kien Kap tal-Oppożizzjoni bejn l-1921 u l-1927, kif ukoll bejn Lulju 1932 u Novembru 1933. Fl-elezzjoni tal-1927 sar Prim Ministru ta' Malta billi kiseb il-maġġoranza tas-siġġijiet fl-Assemblea Leġislattiva. Dan kien possibbli wara l-ftehim li kien għamel mal-Partit Laburista magħruf bħala l-Compact. Wieħed mill-aktar proġetti importanti li bdew fiż-żmien li kien Prim Ministru huwa l-bini tal-Isptar San Luqa. Fl-1939 il-Partit Kostituzzjonali mmexxi minnu kiseb 6 siġġijiet minn 10 fl-elezzjoni u ntagħżel bħala mexxej tal-Kunsill tal-Gvern.

### KARIGI U ĦIDMIET

Huwa okkupa diversi karigi u ħidmiet fosthom dik ta' membru fil-House of Commons fejn ġie elett fl-1924. Kien il-Gvernatur tal-Leeward Islands (1902-04), tat-Tasmania (1904-09), tal-West Australia (1909-12) u ta' New South Wales (1912-17). Huwa wkoll il-fundatur tal-Progress Press, li fost l-oħrajn, kienet tippubblika l-ġurnali *The Times of Malta* u *Il-Berqa*.

### TAGĦRIF IEĦOR

Lord Strickland kien ta' demm nobbli u fl-1889 ingħata t-titlu ta' Kumpann tal-Ordni ta' San Mikiel u San Ġorġ. Bejn l-1928 u 1932, kien involut fil-kwistjoni politiko-reliġjuża li wasslet għas-sospensjoni tal-Kostituzzjoni fl-1930. F'Mejju tal-1930 sar attentat fuq ħajtu bla suċċess billi ġew sparati tliet tiri fid-direzzjoni tiegħu meta kien fil-bini tal-Qorti. Fil-Barrakka ta' Fuq insibu monument iddedikat lilu, xogħol ta' Antonio Sciortino, filwaqt li nsibu toroq imsemmija għalih f'Ħ'Attard, f'Ħaż-Żabbar u fil-Qala, Għawdex.

© 2021 Heritage Malta Publishing